Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Caruana)

vs

Louise Pick

Illum 28 ta’ Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ‘l fuq imsemmija imputata Louise Pick, mart Stefan u bint Carmel Paul Casha, imwielda Westminster fid-9 ta’ Novembru, 1972 u ghandha karta tal-identita Nru 118689(M) li permezz taghhom hija giet akkuzata talli :

F’San Giljan fit-8 ta’ Settembru, 1999 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda, u cioe’ talli :

F'San Giljan, fix-xahar ta' Settembru, 1999 u matul ix-xhur ta' qabel, ikkommettiet serq ta' oggetti li jikkonsistu fi prodotti kosmetici ghall-kura tax-xaghar u l-gilda mill-stores tal-Kumpanija S.A.K. Ltd, ghad-detriment tad-Diretturi ta' l-istess Kumpannija, liema serq huwa kkwalifiat bil-valur (li ma jaccediex LM1000), bil-persuna, u bil-hin;

Talli fis-7 ta' April, 2000, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghom jew tmexxihom;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmija twiegeb li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputata fuq imsemmija minn jeddha u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu,  d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputata debitament assistita tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju, 2001. Dakinhar l-imputata xehdet illi kien minnu li kienet hadet xi affarijiet minghand l-istores tal-kumpanija SAK Limited; liema affarijiet jappartjeni lill-Body Shop. Hija qalet illi dak iz-zmien kienet ghadha kif isseparat minn ma zewgha u qalet ukoll illi zewgha kien joxrob hafna u kien ikun vjolenti hafna fil-konfront taghha. L-imputata xehdet ukoll illi hija kienet impjegata mal-Body Shop suppost kienet tahdaem sieghat normali tal-ufficju, pero' hija kienet taghmel hafna 'overtime' li tieghu ma kienitx tithallas. Hija xehdet ukoll illi Simone Mizzi, l-'employer' taghha kienet 'demanding' wisq fil-konfront taghha. Kienet anke iccemplilha fl-erbgha ta' filghodu. Gieli wkoll hadmet sal-hdax ta' bil-lejl u ta' dan Simone Mizzi qatt ma hallsitha. L-imputata kienet hadet l-affarijiet in kwistjoni sabiex almenu tkun hadet xi haga ghax xoghol illi kienet tahdem minghajr hlas. L-imputata kompliet tixhed li minn dawn l-oggetti qatt ma bieghet xejn, hallietom id-dar ghand ommha. Xehdet ukoll illi ommha kienet taghmel xoghol ghall-karita u kienet hadet uhud minn dawn il-prodotti tal-Body Shop sabiex jinbieghu ghall-skopijiet ta' karita. L-imputata lanqas biss kienet taf illi ommha kienet ghamlet hekk u certament dan kollu ma sarx bi skop ta' profitt imma sar ghall-karita. L-imputata xehdet illi illum il-

gurnata sabet impieg fiss u li l-employer taghha kienet qaltlu b'kollox pero' xorta wahda kien impjegaha. Hija xehdet illi illum il-gurnata tahdem mal-'Overseas Purchases' ghat-'Tip Top Tribu' u ilha tahdem hemm hekk sentejn u ma ghandha l-ebda problemi fuq ix-xoghol. Hija xehdet ukoll illi jiddispjaciha hafna ta' dak illi kienet ghamlet u illi s-Sinjura Mizzi qatt ma kienet fittxitha civilment ghall-ammont imsemmi a fol. 28 tal-process. Hija xehdet illi ma issib l-ebda oggezzjoni illi l-affarijiet illi jinsabu illum il-gurnata fil-pussess tal-Ufficjal Prosekutur jinghataw lis-Sinjura Mizzi.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi li fuq ammissjoni tal-istess imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, il-Qorti issib lill-imputat <u>hatja tal-ewwel</u> imputazzjoni migjuba kontra taghha u dana wara illi rat l-Artikoli 261(b), 261(d), 261(f), 267, 268, 270, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tillibera lill-imputata fuq imsemmija mit-tieni imputazzjoni ta' ricetazzjoni peress illi una volta jirrizulta s-serq ma jistax jirrizulta wkoll ir-reat ta' ricetazzjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputata fuq imsemmija ikkoperat mal-pulizija u dana minn meta irrilaxxjat l-istqarrija taghha peress illi f'din l-istqarrija l-

imputata fil-fatt ammettiet illi kienet serqet l-oggetti in kwistjoni. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputata ammettiet ukoll fil-Qorti meta tat ix-xhieda taghha, kif ukoll il-fatt illi l-oggetti misruqa gew kollha rikuperati mill-pulizija u jistghu ghalhekk jinghataw lid-derubata. Il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi meta ikkommettiet ir-reat in kwistjoni l-imputata kienet ghaddejja minn problemi psikologici kbar li certament qatt ma jistghu jiggustifikaw is-serq, pero' ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni ghall-fini ta' piena.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti tikkundanna lill-imputata misjuba hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha ghall-prigunerija ta' sentejn sospiza ghall-tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bir-responsabbilitajiet taghha skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk hija tikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Finalment il-Qorti tillibera lill-imputata mit-tieni imputazzjoni peress illi din ma gietx ippruvata.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur